ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 151

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

17 ta' Ġunju 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2010 tas-16 ta' Ġunju 2010 li jadotta l-programm tal-istatistika u tal-metadata għaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar previst fir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .................................... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 520/2010 tas-16 ta' Ġunju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 831/2002 li jikkonċerna l-aċċess għal dejta kunfidenzjali għal finijiet xjentifiċi fir-rigward tal-istħarriġiet disponibbli u sorsi ta' dejta statistika** ([1]) ................................ 14

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 521/2010 tas-16 ta' Ġunju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 16

DEĊIŻJONIJIET

2010/334/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat politiku u ta' sigurtà EU SSR GUINEA-BISSAU/1/2010 tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni tal-missjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw (EU SSR GUINEA-BISSAU)** ............. 18

2010/335/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2010 dwar il-linji gwida għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art għall-għanijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3751)*.......................................................................... 19

**Prezz: 3 EUR**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 519/2010

**tas-16 ta' Ġunju 2010**

**li jadotta l-programm tal-istatistika u tal-metadata għaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar previst fir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, il-Kummissjoni għandha tadotta programm tal-statistika u tal-metadata għaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar li għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni.

(2) Sabiex jiġi żgurat li l-istatistika miċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar imwettqa fl-Istati Membri tkun tista' titqabbel, u sabiex ikunu jistgħu jitfasslu sommarji affidabbli tal-Unjoni kollha, dan il-programm għandu jkun l-istess fl-Istati Membri kollha.

(3) B'mod partikolari, huwa neċessarju li jiġu definiti l-iperkubi li huma l-istess fl-Istati Membri kollha, il-valur speċjali taċ-ċelluli u s-sinjalaturi li l-Istati Membri jistgħu jużaw f'dawn l-iperkubi kif ukoll il-metadata dwar it-temi.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-temi u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom ([2]) jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-temi taċ-ċensiment u l-kategorizzazzjonijiet tagħhom li għandhom jiġu applikati għad-dejta li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni għas-sena ta' referenza 2011.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm tal-istatistika u l-metadata għaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar li għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) għas-sena ta' referenza 2011.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1201/2009 għandhom japplikaw. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(1) "popolazzjoni totali" ta' żona ġeografika definita sew tfisser il-persuni kollha li r-residenza tas-soltu tagħhom, kif definita fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, tinsab f'dik iż-żona ġeografika;

(2) "iperkubu" jfisser tabulazzjoni trasversali multidimensjonali ta' kategorizzazzjonijiet li fiha valur ta' ċellula għall-kejl ta' kull kategorija ta' kull kategorizzazzjoni li jkollha tabulazzjoni trasversali minn kull kategorija ta' kwalunkwe kategorizzazzjoni oħra użata f'dak l-iperkubu;

(3) "distribuzzjoni marġinali prinċipali" tfisser subsett ta' iperkubu partikolari li jirriżulta minn tabulazzjoni trasversali ta' parti mill-kategorizzazzjonijiet, iżda mhux kollha, tal-iperkubu;

(4) "ċellula primarja" tfisser kwalunkwe ċellula li hija parti minn mill-anqas distribuzzjoni marġinali prinċipali f'iperkubu partikolari. Fl-iperkubi li għalihom l-ebda distribuzzjoni marġinali prinċipali ma hija ddefinita, iċ-ċelluli kolla huma ċelluli primarji;

(5) "ċellula sekondarja" tfisser ċellula ta' iperkubu li mhijiex ċellula primarja f'iperkubu partikolari;

(6) "valur taċ-ċellula" tfisser l-informazzjoni trażmessa f'ċellula ta' iperkubu. Valur ta' ċellula jista' jkun kemm "valur numeriku taċ-ċellula" jew "valur speċjali taċ-ċellula";

([1]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14.
([2]) ĠU L 329, 15.12.2009, p. 29.

(7) “valur numeriku taċ-ċellula” tfisser valur numeriku li huwa trażmess f’ċellula sabiex jipprovdi l-istatisika dwar l-osservazzjoni għal dik iċ-ċellula;

(8) “valur kunfidenzjali taċ-ċellula” jfisser valur numeriku taċ-ċellula li ma għandux jinkixef sabiex tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-istatistika tad-dejta skont il-kontroll ta’ kxif tal-istatistika tal-Istati Membri;

(9) “valur mhux kunfidenzjali taċ-ċellula” jfisser valur numeriku ta’ ċellula li mhuwiex valur kunfidenzjali ta’ ċellula;

(10) “valur mhux affidabbli ta’ ċellula” tfisser valur numeriku ta’ ċellula li mhuwiex affidabbli skont il-kontroll ta’ kwalità tal-Istati Membri;

(11) “valur speċjali ta’ ċellula” tfisser simbolu li jiġi trażmess f’ċellula tal-iperkubu minflok valur numeriku taċ-ċellula;

(12) “sinjalatur” tfisser kodiċi li jista’ jakkumpanja valur partikolari ta’ ċellula sabiex tiġi deskritta karatteristika speċifika ta’ dak il-valur taċ-ċellula;

*Artikolu 3*

**Programm tal-istatistika**

1. Il-programm tal-istatistika li għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni (Eurostat) għas-sena ta’ referenza 2011 għandu jikkonsisti mill-iperkubi elenkati fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-valur speċjali taċ-ċellula “mhux applikabbli” fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) meta ċellula tirreferi għal kategorija “mhux applikabbli” ta’ mill-inqas kategorizzazzjoni dettaljata waħda; jew

(b) meta ċellula tiddeskrivi osservazzjoni li ma teżistix fl-Istat Membru.

3. L-Istati Membri għandhom jissostitwixxu kwalunkwe valur kunfidenzjali ta’ ċellula “mhux disponibbli”.

4. L-Istati Membri jistgħu jissostitwixxu valur mhux kunfidenzjali ta’ ċellula permezz ta’ valur speċjali ta’ ċellula “mhux disponibbli” fil-każ biss meta l-valur taċ-ċellula jkun f’ċellula sekondarja.

5. Fuq talba ta’ Stat Membru l-Kummissjoni (Eurostat) ma għandhiex tgħarraf lill-pubbliku b’xi valur taċ-ċellula mhux affidabbli trażmess minn dak l-Istat Membru.

*Artikolu 4*

**Metadata dwar il-valuri taċ-ċelluli**

1. Fejn applikabbli, l-Istati Membri għandhom iżidu s-sinjalaturi li ġejjin għal ċellula tal-iperkubu:

(a) “kunfidenzjali”;

(b) “mhux affidabbli”;

(c) “rivedut wara l-ewwel trażmissjoni tad-dejta”;

(d) “ara l-informazzjoni mehmuża”.

2. Kull ċellula li l-valur kunfidenzjali taċ-ċellula tagħha ġiet sostitwita minn valur speċjali “mhux disponibbli” għandha tiġi mmarkata bil-sinjalatur “kunfidenzjali”.

3. Kull ċellula li l-valur numeriku taċ-ċellula tagħha mhuwiex affidabbli għandha tiġi mmarkata b’sinjalatur “mhux affidabbli”, irrispettivament minn jekk il-valur numeriku taċ-ċellula jew il-valur speċjali taċ-ċellula “mhux disponibbli” kienx trażmess għal dik iċ-ċellula.

4. Għal kull ċellula akkumpanjata minn mill-inqas wieħed mis-sinjalaturi “mhux affidabbli”, “riveduta wara l-ewwel trażmissjoni tad-dejta” jew “ara l-informazzjoni mehmuża”, għandu jiġi pprovdut test ta’ spjegazzjoni.

*Artikolu 5*

**Metadata dwar it-temi**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bil-metadata dwar it-temi kif stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 6*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Programm tal-istatistika (iperkubi) għas-sena ta' referenza 2011, skont l-Artikolu 5 (3) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008**

| Nru (1) | Total (2) | Kategorizzazzjonijiet (3) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1.** | Popolazzjoni totali (4), (5) | **GEO.L.** | **SEX.** | **HST.H.** | **LMS.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 1.1. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | LMS. | | | | AGE.M. |
| 1.2. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | LMS. | CAS.L. | POB.L. | | |
| 1.3. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | LMS. | CAS.L. | | COC.L. | |
| 1.4. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| 1.5. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 1.6. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **2.** | Popolazzjoni totali (4), (5) | **GEO.L.** | **SEX.** | **HST.H.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 2.1. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | EDU. | | | | AGE.M. |
| 2.2. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | EDU. | CAS.L. | POB.L. | | |
| 2.3. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | EDU. | CAS.L. | | COC.L. | |
| 2.4. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| 2.5. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 2.6. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **3.** | Popolazzjoni totali (4), (5) | **GEO.L.** | **SEX.** | **HST.H.** | **SIE.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 3.1. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | SIE. | | | | AGE.M. |
| 3.2. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | SIE. | CAS.L. | POB.L. | | |
| 3.3. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | SIE. | CAS.L. | | COC.L. | |
| 3.4. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | CAS.L | | | AGE.M. |
| 3.5. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 3.6. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **4.** | Popolazzjoni totali (4), (5) | **GEO.L.** | **SEX.** | **HST.H.** | **LOC.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 4.1. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | LOC. | | | | AGE.M. |
| 4.2. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | LOC. | CAS.L. | POB.L. | | |
| 4.3. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | LOC. | CAS.L. | | COC.L. | |
| 4.4. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| 4.5. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 4.6. | | GEO.L. | SEX. | HST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **5.** | Numru tad-djar privati kollha (6) | **GEO.L.** | **TPH.H.** | **SPH.H.** | **TSH.** | | | | |

| Nru (1) | Total (2) | Kategorizzazzjonijiet (3) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **6.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **FST.H.** | **LMS.** | **CAS.L.** | **POB.M.** | **COC.M.** | **AGE.M.** |
| 6.1. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | LMS. | | | | AGE.M. |
| 6.2. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | LMS. | CAS.L. | POB.M. | | |
| 6.3. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | LMS. | CAS.L. | | COC.M. | |
| 6.4. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| 6.5. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 6.6. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **7.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **FST.H.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 7.1. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | EDU. | | | | AGE.M. |
| 7.2. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | EDU. | CAS.L. | POB.L. | | |
| 7.3. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | EDU. | CAS.L. | | COC.L. | |
| 7.4. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| 7.5. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 7.6. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **8.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **FST.H.** | **SIE.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 8.1. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | SIE. | | | | AGE.M. |
| 8.2. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | SIE. | CAS.L. | POB.L. | | |
| 8.3. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | SIE. | CAS.L. | | COC.L. | |
| 8.4. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| 8.5. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 8.6. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **9.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **FST.H.** | **LOC.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 9.1. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | LOC. | | | | AGE.M. |
| 9.2. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | LOC. | CAS.L. | POB.L. | | |
| 9.3. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | LOC. | CAS.L. | | COC.L. | |
| 9.4. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| 9.5. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | POB.L. | | AGE.M. |
| 9.6. | | GEO.L. | SEX. | FST.H. | | | | COC.L. | AGE.M. |
| **10.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **OCC.** | **IND.H.** | **CAS.H.** | **EDU.** | **AGE.M.** | |
| 10.1. | | GEO.L. | SEX. | OCC. | | CAS.H. | | AGE.M. | |
| 10.2. | | GEO.L. | SEX. | OCC. | | CAS.H. | EDU. | | |
| 10.3. | | GEO.L. | SEX. | | IND.H. | CAS.L. | | AGE.M. | |

| Nru ([1]) | Total ([2]) | Kategorizzazzjonijiet ([3]) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10.4. | | GEO.L. | SEX. | | IND.H. | CAS.L. | EDU. | | |
| 10.5. | | GEO.L. | SEX. | OCC. | IND.H. | | | AGE.L. | |
| 10.6. | | GEO.L. | SEX. | OCC. | IND.H. | CAS.L. | | | |
| 10.7. | | GEO.L. | SEX. | OCC. | IND.H. | | EDU. | | |
| **11.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **SIE.** | **OCC.** | **IND.H.** | **CAS.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 11.1. | | GEO.L. | SEX. | SIE. | OCC. | | | | AGE.M. |
| 11.2. | | GEO.L. | SEX. | SIE. | OCC. | | CAS.L. | COC.L. | |
| 11.3. | | GEO.L. | SEX. | SIE. | | IND.H. | | | AGE.M. |
| 11.4. | | GEO.L. | SEX. | SIE. | | IND.H. | CAS.L. | COC.L. | |
| **12.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **LOC.** | **SIE.** | **ROY.** | **CAS.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 12.1. | | GEO.L. | SEX. | LOC. | SIE. | | | | AGE.M. |
| 12.2. | | GEO.L. | SEX. | LOC. | SIE. | | CAS.L. | COC.L. | |
| 12.3. | | GEO.L. | SEX. | LOC. | SIE. | ROY. | CAS.L. | | |
| 12.4. | | GEO.L. | SEX. | LOC. | SIE. | ROY. | | COC.L. | |
| 12.5. | | GEO.L. | SEX. | LOC. | | ROY. | | | AGE.M. |
| 12.6. | | GEO.L. | SEX. | LOC. | | ROY. | CAS.L. | COC.L. | |
| **13.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **OCC.** | **COC.L.** | **AGE.M.** | |
| 13.1. | | GEO.L. | SEX. | EDU. | CAS.L. | | | AGE.M. | |
| 13.2. | | GEO.L. | SEX. | EDU. | CAS.L. | OCC. | COC.L. | | |
| **14.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **IND.H.** | **COC.L.** | **AGE.M.** | |
| 14.1. | | GEO.L. | SEX. | EDU. | CAS.L. | | | AGE.M. | |
| 14.2. | | GEO.L. | SEX. | EDU. | CAS.L. | IND.H. | | | |
| 14.3. | | GEO.L. | | EDU. | CAS.L. | IND.H. | COC.L. | | |
| **15.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **CAS.L.** | **POB.M.** | **OCC.** | **IND.H.** | **AGE.M.** | |
| 15.1. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | POB.M. | | | AGE.M. | |
| 15.2. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | POB.M. | OCC. | | | |
| 15.3. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | POB.M. | | IND.H. | | |
| **16.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **CAS.L.** | **COC.M.** | **OCC.** | **IND.H.** | **AGE.M.** | |
| 16.1. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | COC.M. | | | AGE.M. | |
| 16.2. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | COC.M. | OCC. | | | |
| 16.3. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | COC.M. | | IND.H. | | |

| Nru [1] | Total [2] | Kategorizzazzjonijiet [3] | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **17.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **CAS.L.** | **ROY.** | **OCC.** | **IND.H.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 17.1. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | ROY. | | | | AGE.M. |
| 17.2. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | ROY. | OCC. | | COC.L. | |
| 17.3. | | GEO.L. | SEX. | CAS.L. | ROY. | | IND.H. | | |
| **18.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **CAS.H.** | **LMS.** | **COC.L.** | **AGE.M.** | | |
| 18.1. | | GEO.L. | SEX. | CAS.H. | LMS. | | AGE.M. | | |
| 18.2. | | GEO.L. | SEX. | CAS.H. | LMS. | COC.L. | | | |
| **19.** | Popolazzjoni totali [4] | **LPW.L.** | **SEX.** | **OCC.** | **IND.H.** | **EDU.** | **COC.L.** | **AGE.M.** | |
| 19.1. | | LPW.L. | SEX. | OCC. | | EDU. | | AGE.M. | |
| 19.2. | | LPW.L. | SEX. | OCC. | | EDU. | COC.L. | | |
| 19.3. | | LPW.L. | SEX. | | IND.H. | | | AGE.M. | |
| 19.4. | | LPW.L. | SEX. | | IND.H. | EDU. | COC.L. | | |
| 19.5. | | LPW.L. | SEX. | OCC. | IND.H. | | | AGE.L. | |
| 19.6. | | LPW.L. | SEX. | OCC. | IND.H. | EDU | | | |
| 19.7. | | LPW.L. | SEX. | | | EDU | COC.L. | AGE.M. | |
| **20.** | Popolazzjoni totali [4] | **LPW.L.** | **SEX.** | **SIE.** | **OCC.** | **IND.H.** | **EDU.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 20.1. | | LPW.L. | SEX. | SIE. | | | | | AGE.M. |
| 20.2. | | LPW.L. | SEX. | SIE. | OCC. | | | COC.L. | |
| 20.3. | | LPW.L. | SEX. | SIE. | | IND.H. | | COC.L. | |
| 20.4. | | LPW.L. | SEX. | SIE. | | | EDU. | COC.L. | |
| **21.** | Popolazzjoni totali [4] | **LPW.L.** | **SEX.** | **POB.M.** | **OCC.** | **IND.H.** | **AGE.M.** | | |
| 21.1. | | LPW.L. | SEX. | POB.M. | | | AGE.M. | | |
| 21.2. | | LPW.L. | SEX. | POB.M. | OCC. | | | | |
| 21.3. | | LPW.L. | SEX. | POB.M. | | IND.H. | | | |
| **22.** | Popolazzjoni totali [4] | **LPW.L.** | **SEX.** | **COC.M.** | **OCC.** | **IND.H.** | **AGE.M.** | | |
| 22.1. | | LPW.L. | SEX. | COC.M. | | | AGE.M. | | |
| 22.2. | | LPW.L. | SEX. | COC.M. | OCC. | | | | |
| 22.3. | | LPW.L. | SEX. | COC.M. | | IND.H. | | | |
| **23.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **LPW.N.** | **SEX.** | **EDU.** | **OCC.** | **POB.M.** | **COC.M.** | **AGE.M.** |
| 23.1. | | GEO.L. | LPW.N. | SEX. | EDU. | OCC. | | | AGE.L. |
| 23.2. | | GEO.L. | LPW.N. | SEX. | EDU. | | POB.M. | | AGE.L. |

| Nru (1) | Total (2) | Kategorizzazzjonijiet (3) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 23.3. | | GEO.L. | LPW.N. | SEX. | EDU. | | | COC.M. | AGE.L. |
| **24.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **LPW.N.** | **SEX.** | **EDU.** | **IND.H.** | **POB.M.** | **COC.M.** | **AGE.M.** |
| 24.1. | | GEO.L. | LPW.N. | SEX. | EDU. | IND.H. | | | AGE.L. |
| 24.2. | | GEO.L. | LPW.N. | SEX. | EDU. | | POB.M. | | AGE.L. |
| 24.3. | | GEO.L. | LPW.N. | SEX. | EDU. | | | COC.M. | AGE.L. |
| **25.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.H.** | **POB.M.** | **COC.M.** | **CAS.L.** | **AGE.M.** | |
| 25.1. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | POB.M. | | | AGE.M. | |
| 25.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.H. | POB.M. | | CAS.L. | | |
| 25.3. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | | COC.M. | | AGE.M. | |
| 25.4. | | GEO.L. | SEX. | YAE.H. | | COC.M. | CAS.L. | | |
| 25.5. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | POB.L. | COC.L. | | AGE.L. | |
| 25.6. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | POB.L. | COC.L. | CAS.L. | | |
| 25.7. | | GEO.L. | SEX. | | POB.M. | COC.M. | | AGE.M. | |
| 25.8. | | GEO.L. | SEX. | | POB.M. | COC.M. | CAS.L. | | |
| 25.9. | | GEO.L. | SEX. | YAE.H. | | | | AGE.M. | |
| **26.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.N.** | **SEX.** | **POB.H.** | **CAS.L.** | **YAT.** | **AGE.M.** | | |
| 26.1. | | GEO.N. | SEX. | POB.H. | | | AGE.M. | | |
| 26.2. | | GEO.N. | SEX. | POB.H. | CAS.L. | YAT. | | | |
| **27.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.N.** | **SEX.** | **COC.H.** | **CAS.L.** | **YAT.** | **AGE.M.** | | |
| 27.1. | | GEO.N. | SEX. | COC.H. | | | AGE.M. | | |
| 27.2. | | GEO.N. | SEX. | COC.H. | CAS.L. | YAT. | | | |
| **28.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.N.** | **SEX.** | **POB.H.** | **COC.L.** | **CAS.L.** | **AGE.M.** | | |
| 28.1. | | GEO.N. | SEX. | POB.H. | COC.L. | | AGE.M. | | |
| 28.2. | | GEO.N. | SEX. | POB.H. | COC.L. | CAS.L. | | | |
| **29.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.L.** | **OCC.** | **CAS.L.** | **POB.M.** | **AGE.M.** | |
| 29.1. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | OCC. | | | AGE.M. | |
| 29.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | OCC. | CAS.L. | POB.M. | | |
| 29.3. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | | CAS.L. | | AGE.M. | |
| **30.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.L.** | **OCC.** | **CAS.L.** | **COC.M.** | **AGE.M.** | |
| 30.1. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | OCC. | | | AGE.M. | |
| 30.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | OCC. | CAS.L. | COC.M. | | |

| Nru [1] | Total [2] | Kategorizzazzjonijiet [3] | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 30.3. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | | CAS.L. | | AGE.M. | |
| **31.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.L.** | **IND.H.** | **CAS.L.** | **POB.M.** | **AGE.M.** | |
| 31.1. | | GEO.L. | | YAE.L. | IND.H. | | | AGE.M. | |
| 31.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | IND.H. | | | AGE.L. | |
| 31.3. | | GEO.L. | | YAE.L. | IND.H. | CAS.L. | POB.M. | | |
| 31.4. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | IND.H. | | POB.M. | | |
| **32.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.L.** | **IND.H.** | **CAS.L.** | **COC.M.** | **AGE.M.** | |
| 32.1. | | GEO.L. | | YAE.L. | IND.H. | | | AGE.M. | |
| 32.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | IND.H. | | | AGE.L. | |
| 32.3. | | GEO.L. | | YAE.L. | IND.H. | CAS.L. | COC.M. | | |
| 32.4. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | IND.H. | | COC.M. | | |
| **33.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.L.** | **SIE.** | **CAS.L.** | **POB.M.** | **COC.M.** | **AGE.M.** |
| 33.1. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | SIE. | | | | AGE.M. |
| 33.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | SIE. | CAS.L. | POB.M. | | |
| 33.3. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | SIE. | CAS.L. | | COC.M. | |
| 33.4. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | | CAS.L. | | | AGE.M. |
| **34.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.L.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **POB.M.** | **AGE.M.** | |
| 34.1. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | EDU. | | | AGE.M. | |
| 34.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | EDU. | CAS.L. | POB.M. | | |
| 34.3. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | | CAS.L. | | AGE.M. | |
| **35.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **YAE.L.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **COC.M.** | **AGE.M.** | |
| 35.1. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | EDU. | | | AGE.M. | |
| 35.2. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | EDU. | CAS.L. | COC.M. | | |
| 35.3. | | GEO.L. | SEX. | YAE.L. | | CAS.L. | | AGE.M. | |
| **36.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.N.** | **SEX.** | **YAT.** | **OCC.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **POB.M.** | **AGE.M.** |
| 36.1. | | GEO.N. | SEX. | YAT. | OCC. | EDU. | | | AGE.M. |
| 36.2. | | GEO.N. | SEX. | YAT. | OCC. | EDU. | CAS.L. | POB.M. | |
| **37.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.N.** | **SEX.** | **YAT.** | **OCC.** | **EDU.** | **CAS.L.** | **COC.M.** | **AGE.M.** |
| 37.1. | | GEO.N. | SEX. | YAT. | OCC. | EDU. | | | AGE.M. |
| 37.2. | | GEO.N. | SEX. | YAT. | OCC. | EDU. | CAS.L. | COC.M. | |

| Nru ([1]) | Total ([2]) | Kategorizzazzjonijiet ([3]) | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **38.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **HAR.L.** | **CAS.L.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **ROY.** | **AGE.M.** | | |
| 38.1. | | GEO.L. | SEX. | HAR.L. | CAS.L. | POB.L. | | | AGE.M. | | |
| 38.2. | | GEO.L. | SEX. | HAR.L. | CAS.L. | | COC.L. | | AGE.M. | | |
| 38.3. | | GEO.L. | SEX. | HAR.L. | CAS.L. | POB.L. | | ROY. | | | |
| 38.4. | | GEO.L. | SEX. | HAR.L. | CAS.L. | | COC.L. | ROY. | | | |
| **39.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **HAR.L.** | **LOC.** | **ROY.** | **POB.M.** | **COC.M.** | **AGE.M.** | | |
| 39.1. | | GEO.L. | SEX. | HAR.L. | LOC. | | | | AGE.M. | | |
| 39.2. | | GEO.L. | SEX. | HAR.L. | LOC. | ROY. | POB.M. | | | | |
| 39.3. | | GEO.L. | SEX. | HAR.L. | LOC. | ROY. | | COC.M. | | | |
| **40.** | Popolazzjoni totali ([4]) (fakultattiva) | **GEO.L.** | **SEX.** | **HAR.H.** | **LOC.** | **AGE.M.** | | | | | |
| 40.1. | | GEO.L. | SEX. | HAR.H. | | AGE.M. | | | | | |
| 40.2. | | GEO.L. | SEX. | HAR.H. | LOC. | | | | | | |
| **41.** | Numru ta' residenzi konvenzjonali okkupati ([7]) | **GEO.L.** | **OWS.** | **NOC.H.** | **TOB.** | **(UFS. or NOR.)** | **(DFS. or DRM.)** | **WSS.** | **TOI.** | **BAT.** | **TOH.** |
| 41.1. | | GEO.L. | OWS. | NOC.H. | TOB. | (UFS. or NOR.) | | | | | |
| 41.2. | | GEO.L. | OWS. | NOC.H. | TOB. | | (DFS. or DRM.) | | | | |
| 41.3. | | GEO.L. | OWS. | NOC.H. | TOB. | | | WSS. | | | |
| 41.4. | | GEO.L. | OWS. | NOC.H. | TOB. | | | | TOI. | | |
| 41.5. | | GEO.L. | OWS. | NOC.H. | TOB. | | | | | BAT. | |
| 41.6. | | GEO.L. | OWS. | NOC.H. | TOB. | | | | | | TOH. |
| **42.** | Popolazzjoni totali ([4]), ([5]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **AGE.H.** | **HST.M.** | **FST.H.** | | | | | |
| 42.1. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | HST.M. | | | | | | |
| 42.2. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | | FST.H. | | | | | |
| **43.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **AGE.H.** | **CAS.H.** | **OCC.** | **IND.H.** | | | | |
| 43.1. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | CAS.H. | | | | | | |
| 43.2. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | | OCC. | | | | | |
| 43.3. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | | | IND.H. | | | | |
| **44.** | Popolazzjoni totali ([4]) | **GEO.L.** | **SEX.** | **AGE.H.** | **CAS.L.** | **SIE.** | **EDU.** | **LOC.** | | | |
| 44.1. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | CAS.L. | SIE. | | | | | |
| 44.2. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | CAS.L. | | EDU. | | | | |
| 44.3. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | | | | LOC. | | | |

| Nru [1] | Total [2] | Kategorizzazzjonijiet [3] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **45.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.L.** | **SEX.** | **AGE.H.** | **POB.M.** | **COC.M.** | | |
| 45.1. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | POB.M. | | | |
| 45.2. | | GEO.L. | SEX. | AGE.H. | | COC.M. | | |
| **46.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.M.** | **SEX.** | **LMS.** | **ROY.** | **POB.M.** | **COC.M.** | **AGE.M.** |
| 46.1. | | GEO.M. | SEX. | | | POB.M. | | AGE.M. |
| 46.2. | | GEO.M. | SEX. | | | | COC.M. | AGE.M. |
| 46.3. | | GEO.M. | SEX. | LMS. | | | | AGE.M. |
| 46.4. | | GEO.M. | SEX. | LMS. | | POB.L. | | |
| 46.5. | | GEO.M. | SEX. | LMS. | | | COC.L. | |
| 46.6. | | GEO.M. | SEX. | | ROY. | | | AGE.M. |
| 46.7. | | GEO.M. | SEX. | | ROY. | POB.M. | | |
| 46.8. | | GEO.M. | SEX. | | ROY. | | COC.M. | |
| 46.9. | | GEO.M. | SEX. | LMS. | ROY. | | | |
| **47.** | Popolazzjoni totali [4], [5] | **GEO.M.** | **SEX.** | **HST.M.** | **LMS.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 47.1. | | GEO.M. | SEX. | HST.M. | | | | AGE.M. |
| 47.2. | | GEO.M. | SEX. | HST.M. | LMS. | | | |
| 47.3. | | GEO.M. | SEX. | HST.M. | | POB.L. | | |
| 47.4. | | GEO.M. | SEX. | HST.M. | | | COC.L. | |
| **48.** | Popolazzjoni totali [4], [5] | **GEO.M.** | **SEX.** | **AGE.M.** | **HST.H.** | | | |
| **49.** | In-numru tad-djar privati kollha [6] | **GEO.M.** | **TPH.H.** | **SPH.H.** | | | | |
| **50.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.M.** | **SEX.** | **FST.L.** | **LMS.** | **POB.L.** | **COC.L.** | **AGE.M.** |
| 50.1. | | GEO.M. | SEX. | FST.L. | | | | AGE.M. |
| 50.2. | | GEO.M. | SEX. | FST.L. | LMS. | | | |
| 50.3. | | GEO.M. | SEX. | FST.L. | | POB.L. | | |
| 50.4. | | GEO.M. | SEX. | FST.L. | | | COC.L. | |
| **51.** | Popolazzjoni totali [4] | **GEO.M.** | **SEX.** | **AGE.M.** | **FST.H.** | | | |
| **52.** | In-numru tal-familji kollha [8] | **GEO.M.** | **TFN.H.** | **SFN.H.** | | | | |
| **53.** | Numru ta' residenzi konvenzjonali okkupati [9] | **GEO.M.** | **TOB.** | **OCS.** | **POC.** | | | |

| Nru (1) | Total (2) | Kategorizzazzjonijiet (3) | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **54.** | In-numru tar-residenzi konvenzjonali okkupati (7) kollha | **GEO.M. TOB.** | **(DFS. or DRM.)** | **(UFS. or NOR.)** | **NOC.H.** |
| 54.1. | | GEO.M. TOB. | (DFS. or DRM.) | (UFS. or NOR.) | |
| 54.2. | | GEO.M. TOB. | (DFS. or DRM.) | | NOC.H. |
| **55.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.M. SEX.** | **AGE.H.** | | |
| **56.** | Popolazzjoni totali (4) | **GEO.H. SEX.** | **AGE.M.** | | |
| **57.** | In-numru tad-djar privati kollha (6) | **GEO.H. TPH.L.** | **SPH.L.** | | |
| **58.** | In-numru tal-familji kollha (8) | **GEO.H. TFN.L.** | **SFN.L.** | | |
| **59.** | In-numru tar-residenzi konvenzjonali okkupati kollha (10) | **GEO.H. TLQ.** | | | |
| **60.** | In-numru tar-residenzi konvenzjonali okkupati kollha (9) | **GEO.H. OCS.** | **TOB.** | | |

(1) Fil-parti tat-tabella għal iperkubu speċifiku, in-numru b'ċifra waħda fl-ewwel ringiela minn fuq (immarkat b'tipa grassa) jidentifika l-iperkubu skont l-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament. Kull numru b'żewġ ċifri isfel (mhux b'tipa grassa) jidentifika "distribuzzjoni marġinali prinċipali" skont l-Artikolu 2(3) ta' dan ir-Regolament.
(2) It-total globali ta' kull iperkubu jirreferi għall-pajjiż kollu li qed jirrapporta.
(3) Fil-parti tat-tabella għal iperkubu speċifiku, l-ewwel ringiela minn fuq (immarkat b'tipa grassa) telenka l-kategorizzazzjonijiet kollha użata f'dak l-iperkubu skont l-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament. Kull ringiela oħra taħt (mhux b'tipa grassa) tidentifika "distribuzzjoni marġinali prinċipali" skont l-Artikolu 2 (3) ta' dan ir-Regolament. Il-kodiċi jidentifika l-kategorizzazzjoni dettaljata kif speċifikata b'dan il-kodiċi fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009.
(4) Nuqqas ta' Akkomodazzjoni: Prinċiparjament, id-dejta tal-popolazzjoni kollha għandha tinkludi n-numru tal-persuni bla dar primarji (persuni li jgħixu fit-toroq mingħajr kenn) u persuni bla dar sekondarji (persuni li spiss jiċċaqalqu minn akkomodazzjoni temporanja għall-oħra). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jinkludux in-numru ta' persuni bla dar fid-dejta tagħhom tal-popolazzjoni totali, jew li jinkludu n-numru ta' persuni bla dar, iżda mhux ma jistgħux iqassmu d-dejta tal-persuni bla dar bi kwalunkwe kategorizzazzjoni jew tqassim (iċ-ċifra inkluża biss fit-total u/jew ikkategorizzata taħt "Mhux speċifikata"). Jekk l-Istati Membri ma jinkludux in-numru tal-persuni bla dar fid-dejta tagħhom tal-popolazzjoni totali, huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-aħjar stima disponibbli għan-numru tal-persuni bla dar primarji jew sekondarji fl-Istat Membru kollu.
(5) Għal "Persuni li jgħixu f'dar privata, iżda l-kategorija mhux speċifikata" (kategoriji HST.M.1.3. jew HST.H.1.3.), "Persuni bla dar primarji" (HST.M.2.2. jew HST.H.2.2.) u "Persuni li ma jgħixux f'dar privata, iżda l-kategorija mhijiex speċifikata" (HST.M.2.3. jew HST.H.2.3.) l-ebda distribuzzjoni marġinali prinċipali ma hija meħtieġa (rakkommandat: GEO.L. x SESS. x ETÀ.L. x HST.M., rispettivament GEO.L. x SESS. x ETÀ.L. x HST.H.).
(6) Kif speċifikat taħt it-tema "Status tad-dar" fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009.
(7) Kif speċifikat taħt it-tema "Stat ta' okkupanza ta' residenza konvenzjonali" u "Arranġamenti tad-djar" fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009.
(8) Speċifikat bħala "nukleu tal-familja" taħt it-tema "Stat tal-familja" fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009.
(9) Kif speċifikat taħt it-tema "Arranġamenti tad-djar" fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009.
(10) Kif speċifikat taħt it-tema "Tip ta' postijiet tal-għajxien" fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009.

*ANNESS II*

## METADATA DWAR IT-TEMI

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) definizzjonijiet marbuta mat-temi taċ-ċensiment.

Għal kull tema, il-metadata għandha

— ssemmi is-sors(i) tad-dejta li ntużaw biex jirrappurtaw l-istatistika dwar it-tema;

— jirrappurtaw dwar il-metodoloġija użata sabiex tiġi stmata d-dejta dwar it-tema;

— jirrappurtaw dwar ir-raġunijiet għal kwalunkwe nuqqas ta' affidabilità tad-dejta dwar it-tema.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadata msemmija hawn taħt:

**Il-post tar-residenza tas-soltu**

Il-metadata għandha tispjega b'liema mod ġiet applikata d-definizzjoni ta' "residenza tas-soltu" tal-Artikolu 2 (d) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, b'mod partikolari sa liema punt ir-residenza legali jew reġistrata ġiet irrappurtata bħala sostitut għar-residenza tas-soltu skont il-kriterji tat-12-il xahar, kif ukoll definizzjoni ċara tal-kunċett adottat għall-popolazzjoni residenti.

Il-metadata għandha tirrapporta jekk studenti tat-tielet livell li l-indirizz taż-żmien skolastiku tagħhom mhuwiex dak tad-dar tal-familja tagħhom ġewx ikkunsidrati li kellhom ir-residenza tagħhom tas-soltu fid-dar tal-familja tagħhom.

Il-metadata għandha tirrapporta jekk id-dejta tal-popolazzjoni totali tinkludix/teskludix persuni bla dar primarji (persuni li jgħixu fit-toroq mingħajr kenn) u/jew persuni bla dar sekondarji (persuni li jiċċaqalqu bejn akkomodazzjoni temporanja u oħra).

Il-metadata għandha tirrapporta dwar kwalunkwe applikazzjoni speċifika għall-pajjiż tar-regoli għall-"każijiet speċjali" elenkati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tema "Post ta' residenza tas-soltu" fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1201/2009.

**Stat legali maritali/relazzjonijiet**

Il-metadata għandha tirrapporta dwar il-bażi legali relevanti fl-Istati Membri li jikkonċerna żwiġijiet tas-sess oppost u żwiġijiet tal-istess sess, l-età minima għaż-żwiġijiet, relazzjonijiet tas-sess oppost u tal-istess sess irreġistrati, u l-possibilità ta' divorzju jew separazzjoni legali.

**Temi ekonomiċi**

Il-metadata għandha tirrapporta dwar kwalunkwe applikazzjoni speċifika għall-pajjiż tar-regoli elenkati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tema "Stat kurrenti ta' attività" fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1201/2009. Il-metadata għandha tirrapporta jekk l-istat ta' attività fil-preżent ġiex irrapportat abbażi tar-reġistri, u, jekk dan huwa l-każ, fuq id-definizzjonijiet rilevanti użati f'dan ir-reġistru.

Il-metadata għandha tirrapporta fuq l-età minima nazzjonali għall-attività ekonomika fil-pajjiż, u l-bażi legali rilevanti.

Fejn iċ-ċensiment fl-Istati Membri jidentifika persuni li għandhom aktar minn impjieg wieħed, il-metadata għandha tiddeskrivi l-metodu użat biex jallokawhom għall-impjieg ewlieni tagħhom (pereżempju, abbażi tal-ħin involut fuq ix-xogħol, id-dħul irċevut).

Il-metadata għandha tirrapporta dwar kwalunkwe applikazzjoni speċifika għall-pajjiż tar-regoli elenkati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tema "Stat kurrenti ta' attività" fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1201/2009. Fejn iċ-ċensiment fl-Istat Membru jidentifika persuna li tkun kemm tħaddem kif ukoll impjegata, il-metadata għandha tiddeskrivi l-metodu użat biex jallokawhom għal waħda miż-żewġ kategoriji.

**Pajjiż/post tat-twelid**

Għal ċensimenti li għalihom m'hemm l-ebda informazzjoni jew hemm biss informazzjoni mhux kompluta disponibbli fuq il-pajjiż tat-twelid skont il-fruntieri internazzjonali eżistenti fil-waqt taċ-ċensiment, il-metadata għandha tinforma dwar il-metodoloġija użata sabiex jiġu allokati persuni fil-kategorizzazzjoni tat-tema "Pajjiż/post ta' twelid".

Il-metadata għandha tirrapporta jekk il-post tar-residenza tas-soltu tal-omm ġiex sostitwit bil-post fejn seħħ it-twelid.

**Pajjiż taċ-ċittadinanza**

F'pajjiżi fejn parti mill-popolazzjoni hija persuni li huma "Rikonoxxuti li mhumiex ċittadini" (jiġifieri persuni li la huma ċittadini ta' xi pajjiż u lanqas mingħajr stat u li għandhom xi drittijiet iżda mhux id-drittijiet u d-dmirijiet kollha assoċjati maċ-ċittadinanza), il-metadata għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti.

**Post ta' residenza tas-soltu sena qabel iċ-ċensiment**

Fejn iċ-ċensiment fl-Istat Membru jiġbor l-informazzjoni dwar it-tema "Post ta' residenza tas-soltu ta' qabel u d-data tal-wasla fil-post preżenti", il-metadata għandha tiddeskrivi kwalunkwe metodoloġija użata sabiex tirrapporta fuq il-post tar-residenza tas-soltu sena qabel iċ-ċensiment.

**Temi dwar id-dar u l-familja**

Il-metadata għandha tispeċifika jekk iċ-ċensiment fl-Istat Membru japplikax il-kunċett tax-"xogħol tad-dar" jew "ta' min jgħix fid-dar" sabiex jiġu identifikati d-djar privati. Il-metadata għandha tirrapporta dwar il-metodu użat sabiex jiġu ġġenerati d-djar u l-familji.

Il-metadata għandha tirrapporta dwar il-mod kif ir-relazzjonijiet bejn il-membri tad-dar jiġu identifikati (eż. il-matriċi tar-relazzjonijiet; ir-relazzjoni mal-persuna ta' referenza).

Il-metadata għandha tirrapporta dwar il-metodoloġija użata sabiex tirrapporta persuni bla dar primarji.

**Stat ta' okkupanza ta' postijiet konvenzjonali**

Fejn iċ-ċensiment fl-Istat Membru jiġbor l-informazzjoni dwar "Djar riservati għall-użu staġjonali jew sekondarju" u "Djar vakanti" l-metadata għandha tirrapporta dwar il-metodoloġija użata sabiex tirrapporta dwar dawn il-kategoriji.

**Tip ta' pussess**

Il-metadata għandha tirrapporta dwar id-definizzjoni tal-"kooperattivi tad-djar" adottati għall-għanijiet taċ-ċensiment fl-Istat Membru, u dwar il-bażi legali rilevanti.

Il-metadata għandha tirrapporta dwar kwalunkwe każijiet tipiċi li ġew ikklassifikati taħt "Djar f'tipi oħra ta' pussess".

**Spazju ta' art bżonnjuż u/jew numru ta' kmamar tal-unitajiet ta' akkomodazzjoni, standard ta' densità**

Il-metadata għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' jew "spazju ta' art bżonnjuż", jew "numru ta' kmamar" kif xieraq, u dwar id-definizzjoni adottata għal kejl korrispondenti tal-istandard tad-densità.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 520/2010

## tas-16 ta' Ġunju 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 831/2002 li jikkonċerna l-aċċess għal dejta kunfidenzjali għal finijiet xjentifiċi fir-rigward tal-istħarriġiet disponibbli u sorsi ta' dejta statistika

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 ([2]) jistabbilixxi, għall-fini li jkunu jistgħu jintlaħqu konklużjonijiet statistiċi għal finijiet xjentifiċi, il-kundizzjonijiet li bihom jista' jingħata l-aċċess għal dejta kunfidenzjali mgħoddija lill-awtoritá Komunitarja. Huwa jelenka l-istħarriġ u s-sorsi ta' dejta differenti li japplika għalihom.

(2) Hemm domanda dejjem tikber mir-riċerkaturi u l-komunitá xjentifika b'mod ġenerali biex ikun hemm aċċess għal finijiet xjentifiċi għal dejta kunfidenzjali mill-Istħarriġ Intervista dwar is-Saħħa Ewropew (EHIS), l-Istatistika Komunitarja dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni (CSIS), l-Istħarriġ dwar il-Baġit tal-Familji (HBS) u r-riżultati Statistiċi fir-rigward tal-Ġarr tal-Merkanzija bit-Triq (CGR).

(3) L-EHIS għandu l-mira li jkejjel fuq bażi armonizzata u bi grad għoli ta' komparabilità fost l-Istati Membri tal-UE, l-istat tas-saħħa, l-istil tal-ħajja (id-determinanti tas-saħħa) u l-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa miċ-ċittadini tal-UE. Is-suġġetti inklużi fil-kwestjonarju huma t-tnejn li huma tweġiba għal bżonnijiet politiċi u għal finijiet xjentifiċi. L-użu ta' settijiet ta' dejta individwali se jippermetti lir-riċerkaturi biex iwettqu studji dwar popolazzjonijiet speċifiċi (nies anzjani, pereżempju), biex jiġi vvalutat aħjar l-istat ta' saħħithom u kif is-sistemi tal-kura tas-saħħa jissodisfaw bżonnijiethom. Ir-riżultati ta' studji ta' riċerka bħal dawn jistgħu jintużaw biex jitfasslu pjanijiet speċifiċi għal gruppi ta' popolazzjoni differenti jew biex jiġu vvalutati pjanijiet ta' prevenzjoni Ewropej jew/u nazzjonali.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni ([3]) jipprovdi qafas għall-provvista ta' dejta statistika armonizzata dwar l-użu ta' Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) fid-djar u mill-individwi. L-aċċess għal settijiet ta' dejta individwali huwa ta' benefiċċju għall-ħidma ta' riċerka dwar l-impatt tal-użu tal-ICT fuq is-soċjetajiet Ewropej u l-inklużjoni diġitali. Ir-riżultati jistgħu jintużaw biex jiġu vvalutati politiki eżistenti u biex jiġu definiti politiki rilevanti ġodda fil-livell nazzjonali u Ewropew, bħall-istrateġija i2010.

(5) L-HBS tinkludi l-klassifikazzjoni tal-infiq skont il-karatteristiki tan-nies fid-dar u skont il-persuna ta' referenza tagħha u d-dħul tan-nies tad-dar. L-omoġenjità ta' dan is-sors tippermetti li jkunu prodotti għodod ta' mikrosimulazzjoni sabiex jittestjaw l-ipoteżijiet madwar l-UE u jgħinu lil min ifassal il-politika biex jieħu deċiżjonijiet infurmati.

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq ([4]) jitlob li l-pajjiżi li qed jirrapportaw jipprovdu lill-Eurostat b'mikrodejta dwar il-vetturi magħżula għall-kampjun, vjaġġi mwettqa minn dawn il-vetturi u merkanzija ttrasportata matul dawn il-vjaġġi bejn ir-reġjuni. L-aċċess mir-riċerkaturi għal din id-dejta tkun ta' benefiċċju għall-analiżi tal-politika tat-trasport u għall-immudellar tat-trasport, fost l-oħrajn għall-finijiet tal-politika reġjonali tal-UE, l-ibbilanċjar ta' mezzi ta' trasport differenti u l-iżvilupp ta' Netwerks ta' Trasport trans-Ewropew fl-UE.

(7) L-Istħarriġ Intervista dwar is-Saħħa Ewropew (EHIS), l-Istatistika Komunitarja dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni (CSIS) - modulu 2 Individwi, familji u s-soċjetà tal-informazzjoni, l-Istħarriġ dwar il-Baġit tal-Familji (HBS) u r-riżultati Statistiċi fir-rigward tal-Ġarr tal-Merkanzija bit-Triq (CGR) għandhom għalhekk jiżdiedu mal-enumerazzjoni fir-Regolament (KE) 831/2002.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema Statistika (il-Kumitat ESS),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 831/2002 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

([1]) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
([2]) ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7.
([3]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49.
([4]) ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1.

"1. L-awtorità Komunitarja tista' tagħti aċċess fl-istabbiliment tagħha għal dejta kunfidenzjali miksuba mill-istħarriġ jew mis-sorsi ta' dejta statistika li ġejja:

— Bord dwar il-Familji tal-Komunità Ewropea,

— Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol,

— Stħarriġ dwar l-Innovazzjoni Komunitarja,

— Stħarriġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu,

— Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ,

— Statistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien,

— Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti,

— Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Irziezet,

— Stħarriġ Intervista dwar is-Saħħa Ewropew,

— Statistika Komunitarja dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni - modulu 2 Individwi, familji u s-soċjetà tal-informazzjoni,

— Stħarriġ dwar il-Baġit tal-Familji,

— Riżultati Statistiċi fir-rigward tal-Ġarr tal-Merkanzija bit-Triq.

Madankollu, fuq talba tal-awtorità nazzjonali li pprovdiet id-dejta, l-aċċess għal dejta minn din l-awtorità nazzjonali m'għandux jingħata għal proġett speċifiku ta' riċerka."

2. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. L-awtorità Komunitarja tista' toħroġ settijiet ta' mikrodata anonimizzata miksuba mill-istħarriġ jew mis-sorsi ta' dejta statistiċi li ġejjin:

— Bord dwar il-Familji tal-Komunità Ewropea,

— Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol,

— Stħarriġ dwar l-Innovazzjoni Komunitarja,

— Stħarriġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu,

— Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ,

— Statistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien,

— Stħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti,

— Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Irziezet,

— Stħarriġ Intervista dwar is-Saħħa Ewropew,

— Statistika Komunitarja dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni - modulu 2 Individwi, familji u s-soċjetà tal-informazzjoni,

— Stħarriġ dwar il-Baġit tal-Familji,

— Riżultati Statistiċi fir-rigward tal-Ġarr tal-Merkanzija bit-Triq.

Madankollu, fuq talba tal-awtorità nazzjonali li pprovdiet id-dejta, l-aċċess għal dejta minn din l-awtorità nazzjonali m'għandux jingħata għal proġett speċifiku ta' riċerka."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 521/2010**

**tas-16 ta’ Ġunju 2010**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-17 ta’ Ġunju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 132,1 |
| | MA | 44,4 |
| | MK | 45,6 |
| | TR | 50,2 |
| | ZZ | 68,1 |
| 0707 00 05 | MA | 37,3 |
| | MK | 45,6 |
| | TR | 119,1 |
| | ZZ | 67,3 |
| 0709 90 70 | TR | 101,8 |
| | ZZ | 101,8 |
| 0805 50 10 | AR | 83,9 |
| | BR | 112,1 |
| | TR | 94,3 |
| | US | 83,2 |
| | ZA | 93,7 |
| | ZZ | 93,4 |
| 0808 10 80 | AR | 106,2 |
| | BR | 77,3 |
| | CA | 127,1 |
| | CL | 97,4 |
| | CN | 53,8 |
| | NZ | 126,0 |
| | US | 123,5 |
| | UY | 123,8 |
| | ZA | 111,6 |
| | ZZ | 105,2 |
| 0809 10 00 | TR | 228,7 |
| | ZZ | 228,7 |
| 0809 20 95 | SY | 245,9 |
| | TR | 345,1 |
| | US | 576,0 |
| | ZZ | 389,0 |
| 0809 30 | TR | 158,2 |
| | ZZ | 158,2 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EU SSR GUINEA-BISSAU/1/2010

**tal-15 ta' Ġunju 2010**

**dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni tal-missjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw (EU SSR GUINEA-BISSAU)**

(2010/334/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/112/PESK tat-12 ta' Frar 2008 dwar il-missjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw (EU SSR GINEA BISSAW) ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Konformement mal-Artikolu 8(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/112/PESK, il-Kunsill awtorizza l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (minn hawn 'il quddiem "KPS"), taħt l-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita t-tmexxija politika u strateġika tal-missjoni EU SSR GUINEA BISSAU, inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap ta' Missjoni.

(2) Fil-5 ta' Marzu 2008, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, ir-Rappreżentant Għoli għall-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-KPS ħatar bid-Deċiżjoni EU SSR GUINEA-BISSAU/1/2008 ([2]) lis-Sur Juan Esteban VERASTEGUI bħala Kap ta' Missjoni tal-missjoni EU SSR GUINEA-BISSAU tal-Unjoni Ewropea.

(3) Ġie propost mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà li jinħatar is-Sur Fernando AFONSO biex jissostitwixxi lis-Sur Juan Esteban VERASTEGUI bħala Kap ta' Missjoni tal-missjoni EU SSR GUINEA-BISSAU tal-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Lulju 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Fernando AFONSO huwa b'dan maħtur bħala Kap ta' Missjoni tal-missjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw (EU SSR GUINEA-BISSAU), mill-1 ta' Lulju 2010.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EU SSR GUINEA-BISSAU/1/2008 tal-5 ta' Marzu 2008 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sa meta tiskadi l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/112/PESK.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2010

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
C. FERNÁNDEZ-ARIAS

([1]) ĠU L 40, 14.2.2008, p. 11.
([2]) ĠU L 73, 15.3.2008, p. 34

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-10 ta’ Ġunju 2010

## dwar il-linji gwida għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art għall-għanijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3751)*

(2010/335/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE [1], u b’mod partikulari l-punt 10 tat-Taqsima C tal-Anness V tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/28/KE tistipula regoli għall-kalkolu tal-impatt tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett serra tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u l-komparaturi tal-karburanti fossili tagħhom, li jqisu l-emissjonijiet mill-bidliet fil-ħażna tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art. Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE [2] tinkludi regoli korrispondenti f’dak li għandu x’jaqsam mal-bijokarburanti.

(2) Il-Kummissjoni għandha ssejjes il-linji gwida tagħha għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art fuq il-Linji Gwida tal-2006 tal-Grupp ta’ Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) għall-Inventorji Nazzjonali tal-Gass b’Effett Serra. Dawk il-linji gwida kienu maħsubin għall-inventorji nazzjonali tal-gassijiet b’effett serra u mhumiex mogħtija f’forma li tista’ tiġi applikata faċilment mill-operaturi ekonomiċi. Għalhekk huwa xieraq li, f’każijiet fejn il-Linji Gwida tal-IPCC għall-Inventorji Nazzjonali tal-Gass b’Effett Serra ma jinkludux it-tagħrif meħtieġ għall-għanijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi jew f’każijiet fejn dan it-tagħrif mhuwiex aċċessibbli, wieħed iserraħ fuq għejun tad-dejta oħrajn.

(3) Għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fil-materja organika li tinsab fil-ħamrija, huwa xieraq li wieħed iqis il-klima, it-tip ta’ ħamrija, il-kopertura tal-art, il-ġestjoni tal-art u l-elementi li jidħlu fiha. Għall-ħamrija minerali, il-metodu tal-ewwel livell tal-IPCC għall-karbonju organiku fil-ħamrija huwa metodu xieraq għal dan il-għan, minħabba li jkopri l-livell dinji. Għall-ħamrija organika, il-metodoloġija tal-IPCC tindirizza b’mod partikulari t-telf tal-karbonju minħabba t-tneħħija tal-ilma mill-ħamrija. Dan tagħmlu biss permezz tat-telf fis-sena. Minħabba li t-tneħħija tal-ilma mill-ħamrija twassal għal telf kbir tal-ħażna tal-karbonju li ma jistax jiġi kkumpensat mill-iffrankar tal-gassijiet b’effett serra mill-bijokarburanti u l-bijolikwidi, u minħabba li t-tneħħija tal-ilma mill-ħamrija tal-pit mhuwiex permess skont il-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti mid-Direttiva 2009/28/KE, huwa biżżejjed li wieħed jistabbilixxi regoli ġenerali sabiex jikkalkula l-ammont ta’ karbonju organiku fil-ħamrija jew it-telf tal-karbonju fil-ħamrija organika.

(4) Għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja u fil-materja organika mejta, il-metodu x-xieraq għandu jkun approċċ ta’ kumplessità baxxa li jikkorrispondi mal-metodu tal-ewwel livell tal-IPCC għall-veġetazzjoni. Skont dik il-metodoloġija, wieħed jista’ jassumi b’mod raġonevoli li l-ħażna kollha tal-karbonju fil-bijomassa ħajja u fil-materja organika mejta tintilef mill-art hekk kif din jinbidel l-użu tagħha. Normalment, il-materja organika mejta mhijiex importanti ħafna meta l-użu tal-art jinbidel sabiex fiha jibdew jitkabbru uċuħ li minnhom jiġu prodotti l-bijokarburanti u l-bijolikwidi, iżda din għandha titqies għallinqas għall-foresti magħluqin.

(5) Huma u jikkalkulaw l-impatt tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett serra tal-bidla fl-użu tal-art, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jużaw valuri reali għall-ħażna tal-karbonju assoċjati mal-użu ta’ referenza tal-art u mal-użu tal-art wara l-bidla fl-użu. Għandhom ikunu jistgħu jużaw ukoll valuri standard, u huwa xieraq li dawn il-linji gwida jipprovduhomlhom. Madanakollu, m’hemmx bżonn li wieħed jipprovdi valuri standard għal kombinazzjonijiet mhux probabbli ta’ klima u tipi ta’ ħamrija.

(6) L-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE ta l-metodu għall-kalkolu tal-impatti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett serra u jinkludi regoli sabiex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet fis-sena mill-bidliet fil-ħażna tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art. Il-linji gwida mehmużin ma’ din id-Deċiżjoni jistabbilixxu regoli għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art, u b’hekk jikkompletaw ir-regoli stabbiliti fl-Anness V,

[1] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.
[2] ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-linji gwida għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art għall-għanijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE huma mogħtija fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2010.

*Għall-Kummissjoni*
Günther OETTINGER
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Linji gwida għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art għall-għanijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE**

**WERREJ**


1. Daħla . . . . . 21
2. Rappreżentazzjoni konsistenti tal-ħażna tal-karbonju fl-art . . . . . 22
3. Il-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju . . . . . 22
4. Il-ħażna tal-karbonju organiku fil-ħamrija . . . . . 23
5. Il-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha . . . . . 23
6. L-ammont standard tal-ħażna tal-karbonju fil-ħamrija minerali . . . . . 25
7. Fatturi li jirriflettu d-differenza bejn l-ammont tal-karbonju organiku fil-ħamrija meta mqabbel mal-ammont standard tal-karbonju organiku fil-ħamrija . . . . . 26
8. Il-valuri tal-ħażna tal-karbonju għall-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha . . . . . 33


## 1. DAĦLA

Dawn il-linji gwida jistabbilixxu regoli għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art, kemm għall-użu ta' referenza tal-art (is-"$CS_R$", kif iddefinita fil-punt 7 tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE), kif ukoll għall-użu reali tal-art (is-"$CS_A$", kif iddefinita fil-punt 7 tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE).

Fil-punt 2, jingħataw regoli sabiex il-ħażna tal-karbonju fl-art tkun ikkalkulata b'mod konsistenti. Il-punt 3 jagħti r-regola ġenerali għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju, li hija magħmula minn żewġ partijiet: il-karbonju organiku fil-ħamrija u l-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha.

Il-punt 4 jagħti regoli ddettaljati sabiex wieħed jikkalkula l-ħażna tal-karbonju organiku fil-ħamrija. Għall-ħamrija minerali, tingħata l-għażla li wieħed jimxi ma' metodu li jippermetti l-użu ta' valuri mogħtija fil-linji gwida, filwaqt li tingħata l-għażla wkoll li wieħed juża metodi alternattivi. Għall-ħamrija organika, il-linji gwida jagħtu deskrizzjoni tal-metodi, iżda ma jagħtu l-ebda valuri għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju organiku fiha.

Il-punt 5 jagħti regoli ddettaljati għall-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni, iżda huwa rilevanti biss jekk wieħed jagħżel li ma jużax il-valuri għall-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha mogħtija fil-punt 8 tal-linji gwida (l-użu tal-valuri mogħtija fil-punt 8 mhuwiex obbligatorju u f'ċerti każijiet jista' jkun li dawn il-valuri ma jkunux dawk xierqa).

Il-punt 6 jagħti r-regoli sabiex wieħed jagħżel il-valuri t-tajbin f'każ li jkun għażel li juża l-valuri għall-karbonju organiku fil-ħamrija minerali mogħtija f'dawn il-linji gwida (dawn il-valuri huma mogħtija fil-punti 6 u 7). Dawn ir-regoli jirreferu għas-saffi tad-dejta dwar ir-reġjuni klimatiċi u t-tipi ta' ħamrija li jinsabu fuq l-Internet fis-sit tal-pjattaforma tat-trasparenza stabbilita bid-Direttiva 2009/28/KE. Dawk is-saffi tad-dejta huma saffi ddettaljati li fuqhom qed jissejsu l-grafika nru 1 u l-grafika nru 2 mogħtija hawn taħt.

Il-punt 8 jagħti l-valuri għall-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha u l-parametri marbutin magħhom. Il-punti 7 u 8 jagħtu valuri għal erba' kategoriji differenti tal-użu tal-art: l-art użata għall-uċuħ, l-uċuħ perenni, l-art bil-ħaxix u l-foresta.

*Il-grafika nru 1*

**Ir-reġjuni klimatiċi**




*Tifsira:* 1 = Klima tropikali u tal-muntanji; 2 = Klima tropikali u b'ħafna xita; 3 = Klima tropikali u umduża; 4 = Klima tropikali u niexfa; 5 = Klima sħuna moderata u umduża; 6 = Klima sħuna moderata u niexfa; 7 = Klima friska moderata u umduża; 8 = Klima friska moderata u niexfa; 9 = Klima Boreali u umduża; 10 = Klima Boreali u niexfa; 11 = Klima polari u umduża; 12 = Klima polari u niexfa.

*Il-grafika nru 2*

**It-tqassim ġeografiku tat-tipi ta' ħamrija differenti**




*Tifsira:* 1 = Ħamrija organika; 2 = Ħamrija ramlija; 3 = Ħamrija umduża; 4 = Ħamrija vulkanika; 5 = Ħamrija spodika; 6 = Ħamrija taflija b'ħafna attività; 7 = Ħamrija taflija bi ftit attività; 8 = Żoni oħrajn.

2. RAPPREŻENTAZZJONI KONSISTENTI TAL-ĦAŻNA TAL-KARBONJU FL-ART

Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw sabiex tiġi kkalkulata l-ħażna tal-karbonju għal kull unità tal-erja marbuta mas-CSR u mas-CSA:

(1) L-erja kollha li għaliha tkun qed tiġi kkalkulata l-ħażna tal-karbonju fl-art għandu jkollha:

(a) kundizzjonijiet bijofiżiċi simili f'termini tal-klima u tat-tip ta' ħamrija;

(b) storja simili tal-ġestjoni f'termini ta' ħidma tal-ħamrija;

(ċ) storja simili tad-dħul f'termini tad-dħul tal-karbonju fil-ħamrija.

(2) Il-ħażna tal-karbonju tal-użu reali tal-art, is-"$CS_A$", għandha tkun:

— il-ħażna tal-karbonju li l-art mistennija jkollha meta tibda tintuża għall-użu l-ġdid, fil-każ tat-telf tal-ħażna tal-karbonju; u

— il-ħażna tal-karbonju li hu stmat li se jkun hemm wara 20 sena jew meta jilħqu l-uċuħ tar-raba', skont liema minnhom jiġi l-ewwel, fil-każ tal-akkumulazzjoni tal-ħażna tal-karbonju.

3. IL-KALKOLU TAL-ĦAŻNA TAL-KARBONJU

Ir-regola li ġejja għandha tintuża sabiex jiġu kkalkulati s-$CS_R$ u s-$CS_A$:

$$CS_i = (SOC + C_{VEG}) \times A$$

fejn:

$CS_I$ = ħażna tal-karbonju għal kull unità tal-erja marbuta mal-użu tal-art i (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull unità tal-erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni);

$SOC$ = il-karbonju organiku fil-ħamrija (mkejjel bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulat skont il-punt nru 4;

$C_{VEG}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha (mkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulata skont il-punt nru 5 jew magħżula minn fost il-valuri x-xierqa mogħtija fil-punt nru 8;

$A$ = l-adattament tal-fatturi għall-erja kkonċernata (mkejjel bħala ettari għal kull unità tal-erja).

4. IL-ĦAŻNA TAL-KARBONJU ORGANIKU FIL-ĦAMRIJA

4.1. **Il-ħamrija minerali**

Ir-regola li ġejja tista' tintuża biex jiġi kkalkulat is-*SOC*:

$$SOC = SOC_{ST} \times F_{LU} \times F_{MG} \times F_{I}$$

fejn:

$SOC$ = il-karbonju organiku fil-ħamrija (mkejjel bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$SOC_{ST}$ = il-karbonju organiku standard fil-ħamrija li jinsab fis-saff ta' fuq tal-ħamrija, li jkun bejn 0 u 30 ċentimetru 'l isfel minn wiċċ l-art (imkejjel bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$F_{LU}$ = il-fattur tal-użu tal-art li jirrifletti d-differenza bejn l-ammont tal-karbonju organiku fil-ħamrija marbut mat-tip tal-użu tal-art partikulari meta mqabbel mal-ammont standard tal-karbonju organiku fil-ħamrija;

$F_{MG}$ = il-fattur tal-ġestjoni li jirrifletti d-differenza bejn l-ammont tal-karbonju organiku fil-ħamrija marbut mal-prattika ewlenija tal-ġestjoni partikulari meta mqabbel mal-ammont standard tal-karbonju organiku fil-ħamrija;

$F_{I}$ = il-fattur tad-dħul li jirrifletti d-differenza bejn l-ammont ta' karbonju organiku fil-ħamrija marbut mal-livelli differenti tad-dħul tal-karbonju fil-ħamrija meta mqabbel mal-ammont standard tal-karbonju organiku fil-ħamrija.

Għas-$SOC_{ST}$, għandhom japplikaw il-valuri x-xierqa mogħtija fil-punt nru 6.

Għall-$F_{LU}$, $F_{MG}$ u *FI*, għandhom japplikaw il-valuri x-xierqa mogħtija fil-punt nru 7.

Bħala alternattiva għar-regola mogħtija hawn fuq, għall-kalkolu tas-*SOC* jistgħu jintużaw metodi xierqa oħrajn, inkluż il-kejl. Jekk it-tali metodi ma jissejsux fuq il-kejl, għandhom iqisu l-klima, it-tip ta' ħamrija, il-kopertura tal-art, il-ġestjoni tal-art u l-elementi li jidħlu fiha.

4.2. **Il-ħamrija organika (il-"histosols")**

Għandhom jintużaw metodi xierqa sabiex jiġi kkalkulat is-*SOC*. Dawn il-metodi għandhom iqisu l-fond kollu tas-saff tal-ħamrija organika, kif ukoll il-klima, il-kopertura tal-art, il-ġestjoni tal-art u l-elementi li jidħlu fiha. It-tali metodi jistgħu jinkludu l-kejl.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ħażna tal-karbonju li tkun effettwata mit-tneħħija tal-ilma mill-ħamrija, il-metodi x-xierqa għandhom iqisu t-telf tal-karbonju wara t-tneħħija tal-ilma. Dawn il-metodi jistgħu jissejsu fuq it-telf tal-karbonju fis-sena wara t-tneħħija tal-ilma.

5. IL-ĦAŻNA TAL-KARBONJU FIL-VEĠETAZZJONI TA' TAĦT L-ART U TA' 'L FUQ MINNHA

Ir-regola li ġejja għandha tintuża sabiex tiġi kkalkulata s-CVEG, ħlief f'każijiet fejn jintuża valur għas-CVEG minn fost dawk mogħtija fil-punt nru 8:

$$C_{VEG} = C_{BM} + C_{DOM}$$

fejn:

$C_{VEG}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-veġetazzjoni ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha (mkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$C_{BM}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha (mkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulata skont il-punt nru 5.1;

$C_{DOM}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-materja organika mejta ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha (mkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulata skont il-punt nru 5.2.

Għas-$C_{DOM}$, jista' jintuża l-valur ta' 0, ħlief fil-każ ta' foresti li għandhom kopertura ta' iktar minn 30 %, minbarra l-pjantaġġuni tal-foresti

5.1. **Il-bijomassa ħajja**

Ir-regola li ġejja għandha tintuża sabiex tiġi kkalkulata s-$C_{BM}$

$$C_{BM} = C_{AGB} + C_{BGB}$$

fejn:

$C_{BM}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha (mkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$C_{AGB}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' 'l fuq mill-art (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulata skont il-punt nru 5.1.1;

$C_{BGB}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' taħt l-art (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulata skont il-punt nru 5.1.2.

5.1.1. *Il-bijomassa ħajja ta' 'l fuq mill-art*

Ir-regola li ġejja għandha tintuża sabiex tiġi kkalkulata s-$C_{AGB}$:

$C_{AGB} = B_{AGB} \times CF_B$

fejn

$C_{AGB}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' 'l fuq mill-art (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$B_{AGB}$ = il-piż tal-bijomassa ħajja ta' 'l fuq mill-art (imkejjel bħala l-massa tal-materja niexfa għal kull ettaru);

$CF_B$ = il-porzjon tal-karbonju tal-materja niexfa fil-bijomassa ħajja (imkejjel bħala l-massa tal-karbonju għal kull massa ta' materja niexfa).

Fil-każ tal-art użata għall-uċuħ, tal-uċuħ perenni u tal-pjantaġġuni tal-foresti, il-valur li jintuża għall-$B_{AGB}$ għandu jkun il-piż medju tal-bijomassa ħajja ta' 'l fuq mill-art matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni.

Għas-$C_{FB}$ jista' jintuża l-valur ta' 0,47.

5.1.2. *Il-bijomassa ħajja ta' taħt l-art*

Iż-żewġ regoli li ġejjin għandhom jintużaw biex tiġi kkalkulata s-$C_{BGB}$:

(1) $C_{BGB} = B_{BGB} \times CF_B$

fejn:

$C_{BGB}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' taħt l-art (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$B_{BGB}$ = il-piż tal-bijomassa ħajja ta' taħt l-art (imkejjel bħala l-massa tal-materja niexfa għal kull ettaru);

$CF_B$ = il-porzjon tal-karbonju tal-materja niexfa fil-bijomassa ħajja (imkejjel bħala l-massa tal-karbonju għal kull massa ta' materja niexfa).

Fil-każ tal-art użata għall-uċuħ, tal-uċuħ perenni u tal-pjantaġġuni tal-foresti, il-valur li jintuża għall-$B_{BGB}$ għandu jkun il-piż medju tal-bijomassa ħajja ta' taħt l-art matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni.

Għas-$C_{FB}$ jista' jintuża l-valur ta' 0,47.

(2) $C_{BGB} = C_{AGB} \times R$

fejn:

$C_{BGB}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' taħt l-art (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$C_{AGB}$ = il-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' 'l fuq mill-art (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$R$ = il-proporzjon tal-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' taħt l-art meta mqabbla mal-ħażna tal-karbonju fil-bijomassa ħajja ta' 'l fuq mill-art.

Għal $R$ jistgħu jintużaw valuri xierqa minn fost dawk mogħtija fil-punt nru 8.

5.2. **Il-materja organika mejta**

Ir-regola li ġejja għandha tintuża sabiex tiġi kkalkulata s-$C_{DOM}$

$C_{DOM} = C_{DW} + C_{LI}$

fejn:

$C_{DOM}$= il-ħażna tal-karbonj u fil-materja organika mejta ta' taħt l-art u ta' 'l fuq minnha (mkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$C_{DW}$ = il-ħażna tal-karbonju fl-injam mejjet (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulata skont il-punt nru 5.2.1;

$C_{LI}$ = il-ħażna tal-karbonju fis-saff tal-materjal veġetali mejjet (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru), kkalkulata skont il-punt nru 5.2.2.

5.2.1. *Il-ħażna tal-karbonju fl-injam mejjet*

Ir-regola li ġejja għandha tintuża sabiex tiġi kkalkulata s-$C_{DW}$:

$C_{DW} = DOM_{DW} \times CF_{DW}$

fejn:

$C_{DW}$ = il-ħażna tal-karbonju fl-injam mejjet (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$DOM_{DW}$ = il-piż tal-injam mejjet (imkejjel bħala l-massa tal-materja niexfa għal kull ettaru);

$CF_{DW}$ = il-porzjon tal-karbonju tal-materja niexfa fl-injam mejjet (imkejjel bħala l-massa tal-karbonju għal kull massa ta' materja niexfa).

Għas-$C_{FDW}$ jista' jintuża l-valur ta' 0,5.

5.2.2. *Il-ħażna tal-karbonju fis-saff tal-materjal veġetali mejjet*

Ir-regola li ġejja għandha tintuża sabiex tiġi kkalkulata s-$C_{LI}$:

$C_{LI} = DOM_{LI} \times CF_{LI}$

fejn:

$C_{LI}$ = il-ħażna tal-karbonju fis-saff tal-materjal veġetali mejjet (imkejla bħala l-massa tal-karbonju għal kull ettaru);

$DOM_{LI}$ = il-piż tas-saff tal-materjal veġetali mejjet (imkejjel bħala l-massa tal-materja niexfa għal kull ettaru);

$CF_{LI}$ = il-porzjon tal-karbonju tal-materja niexfa fis-saff tal-materjal veġetali mejjet (imkejjel bħala l-massa tal-karbonju għal kull massa ta' materja niexfa).

Għas-$CF_{LI}$ jista' jintuża l-valur ta' 0,4.

6. L-AMMONT STANDARD TAL-ĦAŻNA TAL-KARBONJU FIL-ĦAMRIJA MINERALI

Għandu jingħażel valur għas-$SOC_{ST}$ minn fost dawk mogħtija fit-tabella nru 1, ibbażat fuq ir-reġjun klimatiku x-xieraq u t-tip ta' ħamrija misjuba fiż-żona kkonċernata, hekk kif mogħti fil-punti nru 6.1 u 6.2.

*It-tabella nru 1*

**Is-$SOC_{ST}$, il-karbonju organiku standard fil-ħamrija li jinsab fis-saff ta' fuq tal-ħamrija, li jkun bejn 0 u 30 ċentimetru 'l isfel minn wiċċ l-art**

*(f'tunnellati ta' karbonju għal kull ettaru)*

| Ir-reġjun klimatiku | It-tip ta' ħamrija | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ħamrija taflija b'ħafna attività | Ħamrija taflija bi ftit attività | Ħamrija ramlija | Ħamrija spodika | Ħamrija vulkanika | Ħamrija umduża |
| Klima Boreali | 68 | — | 10 | 117 | 20 | 146 |
| Klima friska moderata u niexfa | 50 | 33 | 34 | — | 20 | 87 |
| Klima friska moderata u umduża | 95 | 85 | 71 | 115 | 130 | 87 |
| Klima sħuna moderata u niexfa | 38 | 24 | 19 | — | 70 | 88 |
| Klima sħuna moderata u umduża | 88 | 63 | 34 | — | 80 | 88 |
| Klima tropikali u niexfa | 38 | 35 | 31 | — | 50 | 86 |
| Klima tropikali u umduża | 65 | 47 | 39 | — | 70 | 86 |
| Klima tropikali u b'ħafna xita | 44 | 60 | 66 | — | 130 | 86 |
| Klima tropikali u tal-muntanji | 88 | 63 | 34 | — | 80 | 86 |

6.1. **Ir-reġjun klimatiku**

Ir-reġjun klimatiku x-xieraq għall-għażla tal-valur ix-xieraq għas-$SOC_{ST}$ għandu jiġi deċiż mis-saffi tad-dejta dwar ir-reġjuni klimatiċi li jinsabu fuq l-Internet fis-sit tal-pjattaforma tat-trasparenza stabbilita bl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/28/KE.

6.2. **It-tip ta' ħamrija**

It-tip ix-xieraq ta' ħamrija għandu jiġi deċiż skont il-grafika nru 3. Is-saffi tad-dejta dwar it-tipi ta' ħamrija li jinsabu fuq l-Internet fis-sit tal-pjattaforma tat-trasparenza stabbilita bl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/28/KE jistgħu jintużaw bħala gwida sabiex wieħed jiddeċiedi dwar it-tip ix-xieraq tal-ħamrija.

*Il-grafika nru 3*

**Il-klassifikazzjoni tat-tipi ta' ħamrija**




7. FATTURI LI JIRRIFLETTU D-DIFFERENZA BEJN L-AMMONT TAL-KARBONJU ORGANIKU FIL-ĦAMRIJA META MQABBEL MAL-AMMONT STANDARD TAL-KARBONJU ORGANIKU FIL-ĦAMRIJA

Il-valuri x-xierqa għall-fatturi $F_{LU}$, $F_{MG}$ u $F_I$ għandhom jintagħżlu mit-tabelli mogħtija hawn taħt. Għall-kalkolu tas-$C_{SR}$, il-fatturi x-xierqa tal-ġestjoni u tad-dħul huma dawk li ntużaw f'Jannar tal-2008. Għall-kalkolu tas-$C_{SA}$, il-fatturi x-xierqa tal-ġestjoni u tad-dħul huma dawk li qed jintużaw u li se jwasslu għall-ħażna tal-karbonju stabbilita kkonċernata.

7.1. **L-art użata għall-uċuħ**

*It-tabella nru 2*

**Il-fatturi għall-art użata għall-uċuħ**

| Ir-reġjun klimatiku | L-użu tal-art ($F_{LU}$) | Il-ġestjoni ($F_{MG}$) | Id-dhul fil-ħamrija ($F_I$) | $F_{LU}$ | $F_{MG}$ | $F_I$ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Klima moderata jew Boreali u niexfa | Art ikkultivata | Art maħduma għal kollox | Dhul baxx | 0,8 | 1 | 0,95 |
| | | | Dhul medju | 0,8 | 1 | 1 |
| | | | Dhul għoli, bid-demel | 0,8 | 1 | 1,37 |
| | | | Dhul għoli, mingħajr demel | 0,8 | 1 | 1,04 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dhul baxx | 0,8 | 1,02 | 0,95 |
| | | | Dhul medju | 0,8 | 1,02 | 1 |
| | | | Dhul għoli, bid-demel | 0,8 | 1,02 | 1,37 |
| | | | Dhul għoli, mingħajr demel | 0,8 | 1,02 | 1,04 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dhul baxx | 0,8 | 1,1 | 0,95 |
| | | | Dhul medju | 0,8 | 1,1 | 1 |
| | | | Dhul għoli, bid-demel | 0,8 | 1,1 | 1,37 |
| | | | Dhul għoli, mingħajr demel | 0,8 | 1,1 | 1,04 |
| Klima moderata jew Boreali u umduża jew b'ħafna xita | Art ikkultivata | Art maħduma għal kollox | Dhul baxx | 0,69 | 1 | 0,92 |
| | | | Dhul medju | 0,69 | 1 | 1 |
| | | | Dhul għoli, bid-demel | 0,69 | 1 | 1,44 |
| | | | Dhul għoli, mingħajr demel | 0,69 | 1 | 1,11 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dhul baxx | 0,69 | 1,08 | 0,92 |
| | | | Dhul medju | 0,69 | 1,08 | 1 |
| | | | Dhul għoli, bid-demel | 0,69 | 1,08 | 1,44 |
| | | | Dhul għoli, mingħajr demel | 0,69 | 1,08 | 1,11 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dhul baxx | 0,69 | 1,15 | 0,92 |
| | | | Dhul medju | 0,69 | 1,15 | 1 |
| | | | Dhul għoli, bid-demel | 0,69 | 1,15 | 1,44 |
| | | | Dhul għoli, mingħajr demel | 0,69 | 1,15 | 1,11 |
| Klima tropikali u niexfa | Art ikkultivata | Art maħduma għal kollox | Dhul baxx | 0,58 | 1 | 0,95 |
| | | | Dhul medju | 0,58 | 1 | 1 |
| | | | Dhul għoli, bid-demel | 0,58 | 1 | 1,37 |
| | | | Dhul għoli, mingħajr demel | 0,58 | 1 | 1,04 |

| Ir-reġjun klimatiku | L-użu tal-art ($F_{LU}$) | Il-ġestjoni ($F_{MG}$) | Id-dħul fil-ħamrija ($F_I$) | $F_{LU}$ | $F_{MG}$ | $F_I$ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Art li ma tinħadimx | Dħul baxx | 0,58 | 1,09 | 0,95 |
| | | | Dħul medju | 0,58 | 1,09 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,58 | 1,09 | 1,37 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,58 | 1,09 | 1,04 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dħul baxx | 0,58 | 1,17 | 0,95 |
| | | | Dħul medju | 0,58 | 1,17 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,58 | 1,17 | 1,37 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,58 | 1,17 | 1,04 |
| Klima tropikali u umduża jew b'ħafna xita | Art ikkultivata | Art maħduma għal kollox | Dħul baxx | 0,48 | 1 | 0,92 |
| | | | Dħul medju | 0,48 | 1 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,48 | 1 | 1,44 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,48 | 1 | 1,11 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dħul baxx | 0,48 | 1,15 | 0,92 |
| | | | Dħul medju | 0,48 | 1,15 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,48 | 1,15 | 1,44 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,48 | 1,15 | 1,11 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dħul baxx | 0,48 | 1,22 | 0,92 |
| | | | Dħul medju | 0,48 | 1,22 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,48 | 1,22 | 1,44 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,48 | 1,22 | 1,11 |
| Klima tropikali u tal-muntanji | Art ikkultivata | Art maħduma għal kollox | Dħul baxx | 0,64 | 1 | 0,94 |
| | | | Dħul medju | 0,64 | 1 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,64 | 1 | 1,41 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,64 | 1 | 1,08 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dħul baxx | 0,64 | 1,09 | 0,94 |
| | | | Dħul medju | 0,64 | 1,09 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,64 | 1,09 | 1,41 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,64 | 1,09 | 1,08 |
| | | Art li ma tinħadimx | Dħul baxx | 0,64 | 1,16 | 0,94 |
| | | | Dħul medju | 0,64 | 1,16 | 1 |
| | | | Dħul għoli, bid-demel | 0,64 | 1,16 | 1,41 |
| | | | Dħul għoli, mingħajr demel | 0,64 | 1,16 | 1,08 |

It-tabella nru 3 tagħti gwida sabiex wieħed jagħżel il-valuri x-xierqa mit-tabelli nru 2 u nru 4.

*It-tabella nru 3*

**Gwida dwar il-ġestjoni u d-dħul għall-art użata għall-uċuħ u għall-uċuħ perenni**

| Il-ġestjoni jew id-dħul | Gwida |
|---|---|
